## X'INHI L-VERITÀ?

*Ħadd ma jieħu gost b'min jaħbilu. Kulħadd ifittex li jkun jaf il-verità kollha, ħalli jagħżel tajjeb u ma jitqarraqx. Meta ma tkunx taf il-verità sħiħa tħossok mitluf, u ma tkunx taf kemm għandek tafda. Anki Pilatu, bniedem ta' poter kbir, ħassu mifxul quddiem l-insinwazzjoni tal-mexxejja Lhud, u l-persuna ta' Ġesù Kristu. Ma kienx jaf lil min għandu jafda... u int ma' min ħa żżomm?*

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa se jipproduċi produzzjoni għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa: kitba u direzzjoni ta' Joe Chircop bis-sehem tal-atturi Mario Micallef, Andrè Penza, Marceline Galea u Silvio Axisa. Nhar Ħadd il-Palm 29 ta' Marzu, fil-knisja Bażilika, fit-8.00pm. Kulħadd mistieden.

## Ġabra għas-Seminarju

Matul il-Quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd ser ikollna l-possibilità ngħinu bl-offerti tagħna lis-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi tagħna fejn tnejn minn ulied raħalna qed ikomplu d-dixxerniment vokazzjonali tagħhom. Nitolbu għalihom u għas-seminaristi kollha Għawdxin u ngħinuhom minn qalbna.

**Katekeżi għar-romol kollha**, irġiel u nisa, nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu fis-5.45pm fil-Mużew il-qadim tal-bniet.

**Taħdita dwar is-saħħa**, organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, minn Dorianne li hi Diabetic Practice Nurse. Il-laqgħa tibda fid-9.30am fis-Sala Parrokkjali. Kulħadd mistieden.

**Kunċert funebri "Mater Dolorosa"** mill-Banda Mnarja, nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, fit-8.00pm, fil-Bażilika. Kulħadd mistieden.

## Ġabra għall-Purċissjoni Ġimgħa Kbira

Ma' dan il-bullettin qed jitqassam envelope f'kull dar fil-parroċċa, sabiex min jixtieq jagħti xi donazzjoni għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. L-envelope jista' jew jingħata lill-Arċipriet jew jintefa' fil-ġabra li ssir waqt il-quddies. Bħal dejjem aħna konvinti mill-ġenerożità tal-poplu Naduri u ta' dan ngħidulkom grazzi bil-quddiem. L-isbaħ ħlas hu dak li jingħata lilkom minn Sidna Ġesù Kristu li ġarrab il-Passjoni għall-imħabba tagħna, u li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tipprova tirrakkontalna b'mod viżwali.

## Fjuri tal-Vari

Bħas-snin l-imgħoddija l-vari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiġu mżejna bil-fjuri friski. Ovvjament din hija spiża mhux żgħira u għalhekk ser terġa' tkun il-ġenerożità tagħkom li bħas-soltu tgħinuna sabiex inkopru parti minnha. Għalhekk, min jixtieq jikkontribwixxi billi jħallas il-fjuri ta' xi vara partikulari jew b'xi donazzjoni oħra, huwa mitlub li javviċina lill-Arċipriet, xi saċerdot jew xi membru tal-Kumitat.
Barra minn hekk min għandu pjanti bil-weraq aħdar bħal Bella Donna, Unbrella plant eċċ. jista' jġibhom il-knisja fis-Sagristija, in-naħa tat-Tramuntana sa nhar il-Ħadd 30 ta' Marzu, sabiex jintużaw fl-arranġamenti tal-fjuri tal-Vari.

## L-istatwa ta' Marija Addolorata

Fil-bidu tas-sena li għaddiet il-Kumitat tal-Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur ħa deċiżjoni li tiġi rrestawrata l-vara devota tad-Duluri. Din hija l-eqdem vara li għandna fil-Purċissjoni li tmur lura għal qabel is-sena 1863. L-aħħar darba li ġiet irrestawrata kien fis-sena 2013 fi żmien il-Prokuratur Kan. Dun Karm Portelli, f'għeluq il-mitt sena tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, mill-istatwarju Naduri James Azzopardi Goodall. Peress li dehru xi ħsarat kemm fl-istatwa tal-Madonna kif ukoll fil-puttin, il-Kumitat iddeċieda li għal darb'oħra jerġa' jinkariga lill-istatwarju James Azzopardi Goodall sabiex isewwi l-ħsara, inaddaf fejn hemm bżonn u jerġa' joħroġ il-kuluri oriġinali li kellha qabel. Il-bradella tad-Duluri ġiet ukoll miżbugħa mill-ġdid mill-mastrudaxxa Charlie Muscat. U sar ukoll xogħol fin-niċċa tad-Duluri u b'sistema ġdida tad-dawl u ta' arja ċirkulari kontra l-umdità. Dan ix-xogħol sar kollu mis-Sagristan Ivan Attard.

## Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am